MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 1967/2000/1

**Victor Portelli**

**vs**

**Mark Psaila**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta’ Settembru 2000 fejn espona: -

Illi l-attur inghata appalt mill-konvenut sabiex jaghmel xoghol ta’ eletriku u *plumbing* f’*farmhouse*, in-Naxxar;

Illi saru x-xoghlijiet fil-kwantitajiet kif elenkati fl-*invoice* datat 30 ta’ Dicembru 1998 (Dok A);

Illi l-konvenut huwa kreditur tal-attur tas-somma ta’ elf mitejn u sitta u erbghejn lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,246.85);

Illi minkejja diversi talbiet il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjarah kreditur a favur tal-attur tas-somma elf mitejn u sitta u erbghejn lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,246.85);

2. Tordna l-hlas tas-somma elf mitejn u sitta erbghejn lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,246.85) lill-attur, *oltre* l-imghax legali.

Bl-ispejjes, inkluz l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Mejju 2000 u l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-30 ta’ Novembru 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 18 ta’ Lulju 2001 (fol 19) fejn espona: -

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* illi t-talbiet tal-attur huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Victor Portelli datata 2 ta’ Awwissu 2002 (fol 36).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-30 ta’ Ottubru 2002 (fol 39) quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher l-Avukat Malcolm Mifsud ghall-attur u l-Avukat Dr. Lennart Depasquale ghall-konvenut. L-Avukati tal-partijiet trattaw b’zieda man-noti

taghhom tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u talbu li tghaddi ghas-sentenza f'dan ir-rigward. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghas-27 ta' Frar 2003; u l-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 2003 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2003; il-verbal tad-29 ta' Mejju 2003 fejn inghatat sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari, fejn il-Qorti kif diversament presjeduta:- ***"Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-imharrek bhala mhix imsejsa sewwa fil-fatt u fil-ligi, bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra tieghu."***

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ta' Mark Psaila datata 1 ta' Dicembru 2003 (fol 58) fejn espona: -

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* illi t-talbiet tal-attur huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili.

2. Illi in subsidju u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet tal-attur huma wkoll nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* illi x-xoghol ma tlestiex u kellhom jitqabbdu terzi sabiex jikkompletawh.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-konvenut datata 1 ta' Dicembru 2003 (fol 60) li permezz taghha ghal kull buon fini jiddikjara illi huwa sar jaf bid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-18 ta' Novembru 2003 li permezz tieghu nghata l-fakolta` illi jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri, fit-28 ta' Novembru 2003, *stante* illi dan ma kienx a disposizzjoni tal-pubbliku fir-Registru tal-Qorti qabel din id-data.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-ewwel (1) ta' Frar 2005 (fol 210) quddiem il-Qorti kif diversament persjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. Malcolm Mifsud u deher Dr. Lennart Depasquale ghall-konvenut li baghat jgharraf lill-Qorti li ma setax jattendi ghax indispost. Dr. Malcolm Mifsud irrileva illi l-kawza thalliet ghal din is-seduta biex jixhed il-konvenut u dan rega' naqas li jidher minkejja diversi opportunijiet li

nghatawlu mill-Qorti biex iressaq il-provi tieghu. L-avukati tal-partijiet ittrattaw l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwarha ghall-14 ta' April 2005; u l-verbali l-ohra tas-seduti kollha nkluz dak tas-27 ta' Settembru 2012 fejn il-kawza baqghet ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2013 mizmuma quddiem il-Qorti kif illum hekk presjeduta fejn il-kawza giet differita ghat-30 ta' April 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Il-mertu tal-kawza attrici jikkoncerna talba ghall-hlas ta' ammont dovut ghall-esekuzzjoni ta' xoghol ta' *plumbing* u elettriku f'razzett in-Naxxar kommissjonat lill-attur mill-konvenut kif jirrizulta mit-termini tac-citazzjoni. B' konsegwenza ta' dan ix-xoghol, (li hu elenkat fl-istima Dok A li tinsab a fol. 4 - 6 tal-process) li baqa' ma thallasx, il-konvenut hu kreditur tal-attur ghas-somma ta' elf, mitejn u sitta u erbghin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,246.85), li llum il-gurnata jammontaw ghal elfejn, disa' mija u erbgha ewro u tmienja u tletin centezmi (€2,904.38).

Illi kontra din it-talba, il-konvenut issolleva l-preskrizzjoni *a tenur* tal-artikolu 2148(a), liema eccezzjoni giet michuda b'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tad-29 ta' Mejju 2003 kif fuq premess.[1] Il-konvenut sussegwentement eccepixxa l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu **2149 (a)** tal-Kodici Civili u, sussidjarjament, li x-

[1] Fol.41 tal-process.

xoghol ma kienx tlesta u kellhom jitqabbdu terzi biex jikkompletawh.[2]

Il-provi f'din il-kawza jikkonsistu fix-xhieda tal-attur rigwardanti l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni skont l-artikolu 2148(a), kif ukoll affidavit tal-istess attur fuq il-mertu. Il-konvenut ma ressaq ebda prova u l-kawza thalliet ghas-sentenza finali dwar l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni (ara verbal a fol. 210 tal-process).

Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha qabel kollox tiddeciedi jekk l-azzjoni odjerna hijiex preskritta skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2149(a)** tal-Kodici Civili ta' Malta.

**L- Artikolu 2149 (a) tal- Kodici Civili** jipprovdi illi:

***2149.*** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ sentejn:*

*(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta’ bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta’ bini ieħor jew ta’ xogħlijiet oħra ta’ injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu:*

Ikkonsidrat ukoll li :-

*“………. ghall-applikazzjoni ta’ dan l-artikolu irid jissussisti l-element ta’ “opus” da parti tal-kuntrattur fil-konfront tal-eccipjent altrimenti l-kontrattazzjoni tkun wahda ta’ bejgh ordinarju u ma jinqabadx mill-imsemmi artikolu.”* **(“Victor Camilleri vs Emanuele Abela et”** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta’ Mejju 1977, **“Maria Camilleri vs John Licari”** deciza minn din il-Qorti fis-16 ta’ Ottubru 1972 u Vol. XLI.i.347).

Fl-istess sens gie spjegat mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza riportata a **Vol. XLII P III p 1151**, li l-preskrizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2148 (a) tapplika ghal krediti ta' artifici li jipprestaw l-opra taghhom, "*filwaqt li fil-*

[2] Fol. 58 u 59 tal-process.

*kaz tal-Artikolu **2149 (a)** il-preskrizzjoni tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol - opus - minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet."*

Kif gja kkonsidrat din il-Qorti kif diversament presjeduta, il-kaz odjern jirrigwarda xoghol imwettaq b'appalt[3], liema kaz, ghalhekk, jaqa' fit-termini tal-artikolu 2149(a) fuq citat.

Jirrizulta mic-citazzjoni, kif ukoll mix-xhieda stess tal-attur, li beda x-xoghol tal-appalt f'April 1995 u dam ghaddej sal-bidu ta' 1997 meta l-konvenut waqqfu milli jkompli. Sar pero' xi xoghol rimedjali waqt is-sena 1997. Skont l-istess attur il-konvenut qallu biex jieqaf fis-sena 1997, izda meta kien imur biex jistaqsih biex ikompli, il-kliem kien "*<u>ghalissa</u> (sottolinear tal-Qorti) ahjar inhalluh"*[4]. L-attur issokta jghid li *"aktar tard qalli li dan kien ghamlu minhabba li kien dahlilhom il-hsieb li l-post ibieghuh."* Fl-ahhar l-attur baghat il-fattura datata 30 ta' Dicembru 1998 esebit mac-citazzjoni. Konsegwentement, il-kawza odjerna gietipprezentata fil- 25 ta' Settembru 2000.

Peress ukoll li ma nghatax il-*go ahead* sabiex ikompli bix-xoghol, l-attur kien icempel lill-konvenut u sahansitra kien imur ifittxu fil-hanut tieghu li kien jinsab fil-vicin biex jaghmel xi hlas. Kien meta dan il-hanut sabu maghluq li baghat il-kont li jgib id-data tat-30 ta' Dicembru 1998. Xi zmien wara, l-attur kellem ukoll lill-mara tal-konvenut u din qaltlu illi ser ihallsuh wara li jbieghu l-post. Din il-prova waqt il-proceduri odjerni, la giet kontestata bl-ebda mod u lanqas ma tressqet ebda prova kontra taghha.

Fir-ri-ezami tieghu, imbaghad, l-attur jafferma li "*...anzi meta jiena kont nitolbu illi jibda jahseb ghal hlas kien jghidli issa stenna*". (*vide* seduta quddiem l-Onorabbli Qorti a fol. 24 tal-process) Wiehed logikament jifhem b'dan il-kliem illi l-konvenut kien ser jghaddi ghall-hlas. Ma

[3] Sentenza a fol. 41 *et.seq.* tal-process.
[4] Xhieda ezebita a fol.27 tal-process.

saret l-ebda disdetta mill-konvenut fir-rigward ta' din id-dikjarazzjoni u li, fil-fehma tal-Qorti, timplika rikonoxximent tad-debitu.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-eccezzjoni taht ezami, jibda biex jinghad li f'kull kaz li tittella' eccezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa mehtieg li fl-ewwel lok determinat minn mindu l-preskrizzjoni tal-azzjoni ghandha tibda titqies[5]. Huwa dmir tal-Qorti li tqis dan il-fatt krucjali, ghaliex meta tali data mill-provi mressqa ma tistax titqies, il-Qorti trid awtomatikament tichad l-eccezzjoni[6].

Illi fil-kaz prezenti jirrizulta mix-xhieda tal-attur li x-xoghol effettivament waqaf fis-sena 1997. Ma jirrizultax li kien hemm xi terminazzjoni definittiva mill-konvenut fis-sens li dan dejjem halla lill-attur imdendel ghaliex kienu qed jistennew li jsiru xoghlijiet ta' snajja ohra.

Wara li kien ilu jitlob xi hlas, l-attur stess hass il-htiega li jibghat il-fattura ezebita fl-atti, u anke ittra ufficjali, datata t-12 ta' Mejju 2000, li ma jirrizultax li giet notifikata lill-konvenut.[7] Madanakollu filwaqt li ebda xoghol ma sehh wara is-sena 2007, ma jirrizulta ebda prova li l-konvenut definittivament ittermina l-appalt - prova li tinkombi lill-konvenut li jressaq. Difatti din il-Qorti kif diversament presjeduta, gja kkonstatat li "*ma hemmx qbil bejn il-partjiet (u lanqas provi inkonfutabbli) dwar meta sewwa sew sar ix-xoghol, kemm dam sejjer, u meta ntemm. L-attur jghid li baqa ghaddej zgur sal-1997, imma kien imwieghed mill-imharrek li 'l quddiem jerga' jibghat ghalih biex ikompli, wara li jintemmu x-xoghlijiet ta' snajja ohra. L-imharrek li qanqal l-eccezzjoni, ma jmieri xejn minn dan*"[8] Din il-Qorti kif attwalment presjeduta taqbel ma' dan l-apprezzament.

Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici ghandha tressaq provi biex

---

[5] Art. 2137 tal-Kap 16

[6] 7 Ara App. iv. **5.4.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et.*** (Kollez. Vol:**LXXVII.ii.269**)

[7] Dok**. VP1** f'pag. 31-32 tal-process.

[8] Sentenza preliminari f'pag.44 tal-process.

tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib ‘il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa’ principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni.[9] Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq[10].

Ikkunsidrat, *inoltre*, li jirrizulta mix-xhieda tal-attur li d-diskors li sar mill-konvenut u minn martu kien jikkostitwixxi rikonoxximent tad-debitu dovut minnhom ghaliex kien jghidlu biss "*issa stenna"* ghaliex ried ibiegh ir-razzett.

Jinsab difatti espress illi r-rikonjizzjoni tad-dejn tista’ tkun “*anke prezunta u indiretta*”. (**Kollez. Vol XLIII pII p744**) kif ukoll “*tant espress kemm tacitu*” (**Vol XXXIX P. I p686**; “**Lawrence Formosa et nomine vs Anthony Borg**”, Appell, 27 ta’ Jannar 1997). U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita` kollha dovuta, u jista’ jirrigwarda kreditu illikwidu”. (**Vol XLV pII p632**).

Jibqa’ dejjem, pero`, obbligu ta’ min jeccepixxi l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni li jipprovaha, u kif rilevat f’bosta decizjonijiet “*jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta’ provi, allura l-konsegwenza m’hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt illi l-atturi ma ssodisfawx lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni*.” (**Kollez. Vol. XXX pI p989**), *Eppure*, f’kaz ta’ dubju serju dan ghandu jmur favur dak li kontra tieghu qieghda tigi akkampata rinunzja ghad-dritt (**Kollez. Vol. XXXII pI p44**).

---

[9] App. Kumm . **15.6.1964** fil-kawza fl-ismijiet ***Calleja vs Vella*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.603**)

[10] App. Civ. **5.10.2001** fil-kawza fl-ismijiet ***Guido Vella vs Emanuel*** C***efai*** (mhix pubblikata)

Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (**Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723**);

Kif inhu risaput ukoll, *"Id-debitur li jammetti li ghandu jaghti lill-attur, imma ma jirrikonoxxix bhala ezatta s-somma pretiza, jigi li jirrinunzja ghall-preskrizzjoni"* – **"Gialanze vs Rizzo"** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Jannar 1998, (ukoll "**Giullaumier vs Aveta",** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Dicembru 1998, u **"Azzopardi vs Cassar"** deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998.).

Ghall-precizazzjoni, ir-rikonoxximent ghall-iskop tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-koezistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jigifieri: (a) il-volontarjeta`; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (c) l-inekwivocita` u (d) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, *ad exemplum*, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont. (**Kollez. Vol. XXIX pI p755**; **Vol. XLIII pII p744**; "**Victor Calleja noe vs Nazzareno Vassallo et noe**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Naturalment, l-indagini biex tigi stabbilita jekk certu fatt jew dikjarazzjoni jikkostitwixxiex rikonjizzjoni tad-dejn jirrientra fil-qafas tal-poter diskrezzjonali tal-gudikant. Diskrezzjoni li tibqa' insindakabbli jekk jirrizulta li din tkun nieqsa minn vizzji logici jew skorrettezzi tad-dritt.

Huwa ghalhekk pacifiku, kemm fid-dottrina, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi r-rikonjizzjoni tad-debitu tista' tkun prezunta jew indiretta, dedotta minn fatt konkludenti, inkompatibbli mal-volonta` tal-kontestazzjoni tad-dritt tal-kreditur (**Pugliese**, "Prescrizione Acquisitiva" para. 277). Dipju, lanqas ma hu mehtieg li r-rikonjizzjoni tkun tal-kwantita` kollha dovuta (**Fadda**, "Gurisprudenza Kod. Civ. Ital. Art. 2129 para. 46) u tista' tirrigwarda wkoll kreditu illikwidu bhal fil-kaz li d-debitur jipprometti li jhallas jekk id-dejn tieghu jigi pruvat. (**Kollezz. Vol. XXVI P II p 13; Vol.**

**XLV P II p 632; "Victor Calleja *nomine* vs Nazzareno Vassallo *et nomine*"**, Appell, 5 ta' Ottubru 1998).

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-konvenut ma rnexxilux juri li l-eccezzjoni tieghu dwar il-preskrizzjoni hija sostenibbli skont il-Ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li: -

**Tichad l-ewwel eccezzjoni** ulterjuri tal-konvenut bhala mhux fondata fil-fatt u fil-ligi bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra tieghu; u

**Tordna** l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza fuq il-mertu.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------